# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, il-Ħamis, 17 ta' Ġunju, 2021**

**Kawża Nru. 13**

**Rik. Nru. 548/12JRM**

Carmel **FARRUĠIA** u Luċia Farruġia

vs

Charmaine **FARRUĠIA** f'isimha proprju u f'isem binha minuri Francesco Farruġia

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-30 ta' Mejju, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi jitolbu li din il-Qorti (1) issib li l-imħarrkin għandhom jagħtuhom l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) rappreżentanti self li kien sar minnhom lil binhom (illum mejjet) u lil martu l-imħarrka '*brevi manu*'; u (2) tikkundannahom iħallsu l-imsemmija somma. Talbu wkoll l-ispejjeż, bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali, flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2012[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tas-27 ta' Ġunju, 2014, li biha l-imħarrka, fil-kwalita` tagħha premessa, laqgħet għat-talbiet attriċi billi, preliminarjament, qalet li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tal-ħames snin taħt l-Artikolu 2156(d) u (e) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, ċaħdet li hija u binha huma debituri tal-atturi u qalet li l-azzjoni attriċi mhi xejn ħlief tentattiv ieħor sabiex jagħmlu pressjoni fuqha fi kwestjoni li għandhom bejniethom u li tirrigwarda lil binha minuri;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Novembru, 2012[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat il-provvediment tagħha tat-8 ta' Frar, 2013[3], li bih laqgħet it-talba tal-imħarrka mressaq waqt is-smigħ tat-8 ta' Novembru, 2012, sabiex xi dokumenti jiġu mneħħija mill-atti tal-kawża;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2014[4], li bih awtorizzat lill-partijiet sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi tat-10 ta' Ġunju, 2014[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin tal-31 ta' Ottubru, 2014[6], bi tweġiba għal dik attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni sabiex jintradd lura ammont mogħti b'self. L-atturi jgħidu li meta binhom kien għarus lill-imħarrka, selfuh l-ammont pretiż

---

[1] Paġġ. 7 u 8 tal-proċess
[2] Paġ. 37 tal-proċess
[3] Paġġ. 47 sa 49 tal-proċess
[4] Paġ. 97 tal-proċess
[5] Paġġ. 98 sa 104 tal-proċess
[6] Paġġ. 109 sa 111 tal-proċess

sabiex seta' jersaq fuq il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ ta' fond ġewwa Ħal Tarxien li kellu jkun id-dar taż-żwieġ tagħhom. Jisħqu li dan l-ammont ma kienx għadu ntradd lura sakemm binhom miet. Għaldaqstant qed jitolbu l-ammont mingħand l-imħarrka u binha, bħala l-werrieta ta' binhom, li ġie nieqes ftit tax-xhur qabel;

Illi l-imħarrka fil-kwalita` msemmija, min-naħa l-oħra, tgħid li m'għandha trodd ebda flejjes lill-atturi billi l-ammont mitlub ingħata minnhom bħala rigal. Tisħaq wkoll li, f'kull każ, laħaq għalaq iż-żmien biex l-atturi jressqu l-azzjoni tagħhom, billi kienu għaddew aktar minn ħames snin minn mindu messha tressqet;

Illi bħala fatti rilevanti, mill-atti jirriżulta li fiż-żmien li Roderick Farruġia, bin l-atturi, u l-imħarrka Charmaine Farruġia, mwielda Penza, kienu għadhom għarajjes, l-atturi tawhom somma flus fl-ammont ta' sitt elef Lira Maltin (Lm 6,000) (li jġibu tlettax-il elf disa' mija sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€13,976.24) fi flus tallum), sabiex setgħu jersqu fuq il-konvenju għax-xiri tal-fond 31, Triq San Ġużepp, Ħal Tarxien[7]. Meta għaddew dawk il-flus, ma saritx kitba. Fl-istess ċirkustanzi, missier Charmaine ukoll kien tahom xi flus, iżda f'ammont inqas[8]. L-atturi jgħidu li l-flejjes ittieħdu minn kont fiss li kien immatura ftit qabel[9];

Illi fis-16 ta' Lulju, 2004[10], Roderick u Charmaine resqu fuq il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ tal-istess fond li bis-saħħa tiegħu kisbu ishma ndaqs bil-prezz ta' tmintax-il elf Lira Maltin (Lm 18,000)[11] u flimkien ħadu faċilita` ta' self minn bank fl-ammont ta' ħmistax-il elf u mitejn Lira Maltin (Lm 15,200)[12];

Illi l-atturi jgħidu li lil binhom u lill-imħarrka l-ammont ingħatalhom bħala self[13]. Min-naħa tagħha, l-imħarrka tgħid li s-somma kienet ingħatat bħala rigal[14];

Illi wara li żżewġu, jirriżulta li r-relazzjoni bejn iben l-atturi u l-imħarrka marret mill-ħażin għall-agħar. Fil-fatt bejniethom kienu nbdew il-proċeduri ta' firda personali. Fuq ammissjoni tal-imħarrka, jirriżulta li huma u għaddejjin it-trattattivi dwar il-firda personali, bejnha u bejn Roderick kien hemm qbil li l-ammont mogħti lilhom mill-atturi kellu jintradd lura[15]. Jirriżulta li Roderick ġie nieqes fis-27 ta' Novembru, 2011, u l-ġid tiegħu ntiret mill-

[7] Ara x-xhieda ta' Charmaine Farruġia f'paġ. 71 tal-proċess
[8] Ara x-xhieda ta' Andrew Penza f'paġ. 87 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Carmel Farruġia f'paġ. 15 u Charmaine Farruġia f'paġ. 70 tal-proċess
[9] Ara x-xhieda ta' Carmel Farruġia f'paġ. 15 tal-proċess u dok. RA f'paġ. 60 sa 62 tal-proċess
[10] Paġ. 27 sa 33 tal-proċess
[11] Li jġibu €41,929 fi flus tallum
[12] Li jġibu €35,407 fi flus tallum
[13] Ara x-xhieda ta' Carmel Farruġia, Lucia Farruġia, Lilian Xuereb, Maria Said, u John Farruġia, f'paġġ. 15 sa 23 u f'paġ. 58 sa 59 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda ta' Charmaine Farruġia f'paġġ. 71 tal-proċess u ta' Andrew Penza f'paġ. 88 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda ta' Charmaine Farruġia f'paġ. 95 tal-proċess

imħarrkin bħala martu u ibnu. It-trattattivi tas-separazzjoni bejn l-imħarrka u żewġha għaldaqstant inqatgħu ħesrem;

Illi billi l-imħarrka ma laqgħetx it-talba tal-atturi għar-radd lura tat-tlettax-il elf disa' mija sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€13,976.24), l-atturi fetħu din il-kawża fit-30 ta' Mejju, 2012;

Illi l-kunsiderazzjonijiet legali li jolqtu l-każ jirrigwardaw kemm aspetti marbutin mal-eċċezzjoni preliminari u kif ukoll mal-kwestjonijiet fil-mertu;

Illi l-imħarrka tqajjem żewġ eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari, it-tnejn marbuta mal-preskrizzjoni tal-pretensjonijiet attriċi;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tal-ħames snin**, l-imħarrka tistrieħ fuq l-Artikoli 2156(d) u (e) tal-Kodiċi Ċivili, fejn l-imgħax huwa konsegwenza aċċessorja tal-obbligazzjoni ewlenija, li mill-premessi tal-att li bih l-atturi fetħu din il-kawża jingħad li kienet self '*brevi manu*';

Illi l-atturi jargumentaw li din l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa' għaliex għalkemm il-ħames snin kienu laħqu għaddew minn dakinhar li silfu l-flus lil binhom u wkoll mid-data tal-kuntratt ta' akkwist, iż-żmien li kien għaddej kontra tagħhom twaqqaf bil-proċeduri ta' firda personali li kienet miexja bejn binhom u l-imħarrka u bil-fehma li kienet inqablet li l-flus kellhom jingħataw lura lill-atturi;

Illi, min-naħa tagħha, l-imħarrka tisħaq li l-atturi ma jistgħux jitolbu ħlas mogħtija b'self lil hinn minn ħames snin qabel ma nfetħet il-kawża u li jekk tassew kien hemm fehma waqt in-negozjati bejnha u żewġha fil-proċeduri tal-firda personali, dan kien sar bla preġudizzju u baqa' qatt ma twettaq għaliex iben l-atturi laħaq ġie nieqes qabel ma ntemm il-proċess;

Illi l-Qorti tqis li, bħal fil-każ ta' kull eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, iż-żmien imsemmi mill-imħarrka għandu jkollu bidu, kif jgħid l-Artikolu 2137 tal-Kodiċi. Hija l-liġi nnifisha li f'kull każ tistabilixxi ż-żmien minn mindu jibda jgħaddi u fih jagħlaq xi perjodu preskrittiv. Meta titqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-Qorti trid dejjem u f'kull każ issib liema tkun id-data li minnha jibda għaddej iż-żmien preskrittiv u jekk mill-provi dik id-data ma toħroġx, l-eċċezzjoni trid titwarrab u ma tintlaqax[16];

[16] App. Ċiv. **5.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)

Illi l-imsemmi Artikolu 2137 jagħmilha ċara li biex wieħed iqis minn meta jibda għaddej iż-żmien preskrittiv dwar xi azzjoni, ma jittieħed l-ebda qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha tkun tmiss xi azzjoni. Fi kliem ieħor, biex żmien ma jibdiex għaddej kontra l-persuna li jkollha dritt ta' azzjoni, irid ikun hemm impossibilita` lil hinn mir-rieda ta' dik l-istess persuna li tkun ġejja minn kawża barranija li dik il-persuna ma setgħetx tinqala' minnha[17];

Illi jingħad ukoll li skond it-tagħlim kostanti tal-applikazzjoni tal-liġi marbuta mal-mogħdija taż-żmien preskrittiv, huwa ż-żmien li kellu jsir il-ħlas lura li jgħodd u mhux id-data ta' meta s-self inħoloq[18];

Illi fil-każ tal-lum, mill-atti joħroġ biċ-ċar li ma kien hemm ebda kitba bejn il-partijiet dwar il-ħolqien tas-self u wisq anqas dwar meta kellu jintradd lura. Fin-nuqqas u kemm-il darba huwa minnu li kien hemm tassew self mill-atturi lil binhom u lill-imħarrka, mid-daqqa t'għajn, billi l-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ seħħ fis-16 ta' Lulju, 2004, u ngħad li l-flus għaddew dakinhar, iż-żmien tal-preskrizzjoni seta' jiġi faċilment determinat b'riferenza għal dik id-data. Għaldaqstant, ir-Rikors Maħluf tressaq ftit anqas minn disa' snin minn meta l-imħarrka w iben l-atturi dehru fuq il-kuntratt ta' akkwist;

Illi jrid jigi meqjus għalhekk l-argument tal-atturi fis-sens li ż-żmien tal-preskrizzjoni nkiser. Fost iċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi li jiksru l-preskrizzjoni, wieħed isib it-talba b'att ġudizzjarju[19], bl-għarfien tal-jedd tal-parti li kontra tagħha kien għaddej iż-żmien tal-preskrizzjoni[20] jew bi ħlas akkont[21];

Illi għal dak li jirrigwarda t-talba b'att ġudizzjarju, l-atturi jsemmu ittra uffiċjali fid-19 ta' April, 2012. Dan, jekk inhuwa minnu[22], jfisser li meta ntbagħat dak l-att ġudizzjarju, kienu għaddew qrib tmien snin mid-data tal-kuntratt ta' akkwist;

Illi, fil-każ preżenti, lanqas jidher li l-imħarrka għamlet xi ħlas akkont ta' dak minnu mitlub, għalhekk iċ-ċirkostanza msemmija fl-Artikolu 2134 ma sservi xejn;

Illi jibqa' li jitqies jekk kienx hemm l-għarfien tal-jedd tal-parti li favur tagħha kien għaddej iż-żmien tal-preskrizzjoni. Kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet ta' dawn il-qrati, l-għarfien u l-istqarrija tal-jedd tal-attur, sabiex

---

[17] App. Kumm. **15.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard et noe vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XLIX.i.500**)
[18] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **19.6.1970** fil-kawża fl-ismijiet ***Bażilju Żammit vs Leonardu Mizzi et***; u App. Kumm. **12.3.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Caterina Busuttil et vs Catherine Farruġia***
[19] Art. 2131 Kap. 16
[20] Art. 2133 tal-Kap. 16
[21] Art. 2134 tal-Kap. 16
[22] Kopja ta' din l-ittra uffiċjali ma tirriżultax mill-proċess

isservi bħala raġuni għall-ksur tal-preskrizzjoni, trid tkun ċara u mhux maħsuba jew implikata minn kliem jew egħmejjel vagi[23];

Illi l-argument tal-atturi f'dan ir-rigward huwa li waqt is-smigħ tas-27 ta' Marzu, 2014 (u għaldaqstant ħafna żmien wara li għaddew il-ħames snin imsemmija taħt l-Artikolu 2156), l-imħarrka stqarret li, fit-trattattivi tal-firda personali ta' bejnha u bejn żewġha, kien hemm qbil li l-ammont kellu jintradd lura[24]. L-imħarrka, min-naħa l-oħra, tilqa' għal dan l-argument billi tgħid li l-flejjes ingħataw bħala rigal u mhux bħala self, u li t-trattattivi ma ġewx konklużi, għaldaqstant ftehim ma ntlaħaqx[25];

Illi għalkemm huwa fatt li l-preskrizzjoni tista' tinkiser biss jekk iċ-ċirkostanza li għaliha tirreferi l-liġi sseħħ waqt li jkun għaddej iż-żmien tal-preskrizzjoni, hemm ċirkostanzi oħrajn fejn l-għarfien tal-jedd tal-attur iseħħ wara li jkun għadda dak iż-żmien. F'dan it-tieni każ iżda, wieħed ma jitkellimx iżjed dwar ksur taż-żmien tal-preskrizzjoni, imma ta' rinunzja għall-jedd li wieħed isejjaħ favurih il-preskrizzjoni[26];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, mix-xhieda tal-imħarrka[27], lill-Qorti jirriżultalha li hija f'ebda waqt ma qieset li l-atturi, lura fis-sena 2004, kienu selfuhom xi flus. Għall-kuntrarju, hija tisħaq li l-flejjes għaddew għandhom bħala rigal. F'kelma waħda, il-jedd tal-atturi (li jifforma l-qofol tal-argument tagħhom) qatt ma ġie magħruf minnha. Irriżulta, iżda, li waqt it-trattattivi tas-separazzjoni, l-imħarrka kienet qablet ma' żewġha li l-ammont mogħti mill-atturi jintradd lura. Il-Qorti tqis li dan il-qbil sar waqt proċess ta' trattattivi li kienu għaddejjin bejn l-imħarrka u żewġha, iżda mhux bħala għarfien li l-atturi kellhom xi jedd għal flushom, liema trattattivi ma kellhom ebda eżitu minħabba l-ġrajja kiefra li seħħet f'Novembru 2011 bil-mewt għall-għarrieda ta' iben l-atturi;

Illi fiċ-ċirkustanzi, il-Qorti ma ssibx li l-argument tal-atturi jista' jintlaqa'. Għall-istess raġunijiet, il-Qorti qiegħda ssib li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-ħames snin imressqa mill-imħarrka hija mistħoqqa, u sejra tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti sejra tilqa' dik l-eċċezzjoni, mhux il-każ li l-Qorti tqis l-azzjoni fil-mertu;

[23] P.A. **29.4.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Carabott et vs Lorenzo Decelis*** (mhix pubblikata)
[24] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi f'paġġ. 100 sa 101 tal-proċess
[25] Nota ta' Sottomissjonijet tal-imħarrja f'paġġ. 110 sa 111 tal-proċess
[26] App Ċiv. **17 .12.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***Pius Grech et noe vs Dr. Charles Xuereb et*** (mhux pubblikata)
[27] Ara x-xhieda ta' Charmaine Farruġia f'paġġ. 69 – 71, 74, 94 sa 96 tal-proċess

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' it-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrka Charmaine Farruġia *proprio* u *nomine* u ssib li l-azzjoni attrici waqgħet biż-żmien ta' ħames snin imsemmi fl-Artikolu 2156(e) tal-Kodiċi Ċivili;

Għalhekk **tiċħad it-talbiet attriċi**, bi **spejjeż** għall-atturi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**17 ta' Ġunju, 2021**